MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2014

Numru. 1/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Anthony Camilleri**

Numru: 1/2012

Illum 27 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Camilleri**, ta' wiehed u hamsin (51) sena, iben Carmel u Rita

neé Cini imwieled Zebbug, Ghawdex, nhar l-5 ta' Ottubru 1960, residenti fil-fond Sunset, Triq tal-Kanun, Zebbug Ghawdex u detentur tal-Karta tal-identita' bin-Numru 56460(G),

akkuzat talli nhar it-12 ta' Jannar 2012 gewwa Ghajnsielem, Ghawdex u f'diversi postijiet ohra fil-gzira ta' Ghawdex, f'hinijiet differenti:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioé PS 715 Lucian Gatt, PS 342 Johan Said u PC 138 Joseph Portelli filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti (Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioé PS 715 Lucian Gatt, PS 342 Johan Said u PC 138 Joseph Portelli waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kien ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara nvolontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAU 256 ghad-detriment ta' Giuseppe Borg (ID Nru. 28633(G)) u/jew persuni ohra (Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara nvolontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CDB 563 ghad-detriment tal-Ambaxxata Amerikana u/jew persuni ohra (Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bil-mutur tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni CBD 639 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz (Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi wara li kien involut f'incident ta' traffiku fejn kien hemm involuti fl-imsemmija vetturi naqas li jieqaf bil-vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni CBD 639 u telaq minn fuq il-post tal-incident (Artikolu 67(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11);

7. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq jew prova jsuq u kien fil-kontroll ta' vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni CBD 639 fi Triq jew f'post pubbliku iehor wara li kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt bil-ligi (Artikolu 15B (1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta);

8. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs hekk kif stabilit fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta (Artikolu 15(E)(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta);

9. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi fi triq jew f'post pubbliku, saq jew prova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni CBD 639 meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi (Artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65);

10. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rema, tefa' jew xort'ohra ddepozita f'post fil-berah xi haga tkun li tkun (hgieg), b'tali mod li kkaguna jew ikkontribwixxa jew seta' jwassal ghall-istkerrih tal-post;

11. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indecenti liema kliem jikkonsisti wkoll f'dagha, kif ukoll ghamel atti jew gesti oxxeni, u b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew d-dicenza pubblika (Artikolu 338(bb) u Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

12. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied (Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tal-imputat tiskwalifika lill-hati milli jikseb licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 117) datata 18 ta' Lulju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 95, 96(a), 328, 338(bb), (dd), 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 15(1)(a)(2), 15B(1), 15E(4), 15H(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 120), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Lulju 2012, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mid-difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 412 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 420 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 21 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu. Jispjega li kien gie nfurmat li l-imputat kien agredixxa lil Pulizija u meta mar fuq il-post sab

lill-imputat immanettjat u jghid li kellu griehi f'wiccu. Jixhed li l-imputat beda jindirizza lil PS 342, lil PS 715 u lil PC 138 bhala "libaturi" u li beda jghidilhom li se jpattiehilhom (*a fol.* 22). Jixhed li l-imputat beda jaghti bis-sieq lil PC 138. Jghid li l-imputat ma riedx li jigi ezaminat ghall-griehi li kellu u allega li l-Pulizija kienu sawtuh. Jixhed li l-imputat baqa' aggressiv anke l-isptar u ta daqqa b'rasu fl-istonku ta' PC 138. Jispjega li l-imputat kien irrifjuta li jaghmel il-*breathalyser test* u dan minkejja li gie nfurmat bil-konsegwenzi f'kaz li jirrifjuta. Ezebixxa numru ta' dokumenti (Dok. "FT 1" sa "FT 4" - *a fol.* 25 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-Pulizija kellhom jimbuttaw lill-imputat biex ma jibqax aggressiv. Oht l-imputat cahdet li l-Pulizija uzaw vjolenza fil-konfront tal-imputat. Jghid li l-imputat anqas tahom cans ihollulu l-manetti. Jghid li l-imputat beda jilmenta li l-manetti bdew iwegghuh.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 715 Lucian Gatt** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn spjega kif l-imputat ghalaqlu l-bieba tal-vettura fuq idu. Jispjega kif l-imputat beda jirrezistihom u jidghi u jiccalingjahom ghall-glied.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kif lill-imputat qalulu li kienu se jarrestawh, ma tahomx idejh. Jghid li lill-imputat kellhom inizzluh mal-art u li kellhom juzaw forza minima biex inizzluh sabiex setghu jarrestawh.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 342 Johan Said** (*a fol.* 44 *et seq.*) fuq ir-rapport (Dok. "FT 4" – *a fol.* 31 *et seq.*) redatt minnu. Jghid li xi persuni li identifikaw lilhom

innifishom bhala haddiema tal-Ambaxxata Amerikana qalu li vettura ghaddiet minn Triq Chambrai, Ghajnsielem, laqtet il-vettura tal-Ambaxxata Amerikana u vettura ohra u baqghet sejra minn fuq il-post. Jghid li mar fuq il-post fejn kienet ipparkjata din il-vettura, u hareg l-imputat minn bieb li gie mhabbat u l-imputat qabad jargumenta. Jghid li l-imputat beda jidghi u jghajjarhom. Jghid li beda juza kliem dispregjattiv. Jixhed li l-imputat kellu tazza f'idu u li din jew waqghetlu jew tefaghha fid-direzzjoni taghhom. Jghid li gew f'pozizzjoni li kellhom jarrestaw lill-imputat. Jghid li f'hin minnhom l-imputat ghalaq il-bieba tal-vettura fuq id PS 715. Jghid li d-demm li kellu fuqu l-imputat gie x'hin l-imputat kien fl-art u beda jissara biex jinhall mill-manetti. Xehed fuq il-hsarat li kellhom it-tlett vetturi.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li sa fejn hu ma kienx hemm tracci ta' zebgha fuq il-vettura tal-imputat. Jghid li lill-imputat kellhom bilfors inziluh mal-art ghax ma setghux izommuh. Jghid li sa fejn jaf hu l-imputat ma qalilhomx li l-manetti kienu qeghdin iweggugh.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn qal li l-imputat qal li ma kien laqat lil hadd. Jghid li lill-imputat indikawlu li l-mera tan-naha tax-xellug tal-vettura tieghu kienet milquta u kien hemm anke xi frak tal-mera fl-art, fejn huwa wiegeb li dak kien ilu xi xahar hekk. Jghid li l-imputat beda jitkellem hazin u li l-imputat sabbat il-bieba fuq id is-Surgent. Jghid li l-imputat sabbat kikkra tal-kafé li kellu f'idu mal-art u li l-imputat kellu jitnizzel mal-art biex ma jkompliex jaghti rezistenza. Jispjega li l-imputat beda jhebb kemm ghal PS 715 u PS 342, u beda jghid li ried iqattaghhom. Jghid li l-imputat beda jghidlu l-hin kollu li kien ser ipattihielu u li kien ser iqattghu. Jghid ukoll li x'hin l-

imputat kien l-isptar, l-imputat qam biex jaghtih daqqa ta' ras u skapulah.

In kontro-ezami jixhed li l-imputat giref wiccu mal-art. Jghid li sabiex l-imputat gie mnizzel mal-art ma ntuzatx forza ta' barra minn hawn. Jghid li meta kienu l-isptar l-imputat ilmenta mill-manetti li kienu ssikkati.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn qal li kien ghamel kuntatt ma' sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBD 639, li kien gie nfurmat li kienet involuta f'incident ma' vettura tal-Ambaxxata Amerikana u baqghet sejra, u dan qalilhom li jekk riedu jmorru ghalih huma. Jghid li wara li l-imputat ittiehed l-ghassa, peress li kien jidher fi stat ta' sakra, qalulu li riedu jaghmlulu l-*breathalyser test* u hu rrifjuta.

In kontro-ezami jghid li seta jghid li l-imputat kien fi stat ta' sakra minhabba l-imgieba tieghu u peress li mill-mod kif kien qieghed jitkellem ma kienx diskors ta' persuna normali. Jghid li fuq it-telefon, l-imputat qabad joffendih u jinsulentawh. Jghid li l-istess atteggjament tal-imputat meta gie mitkellem fuq it-telefon, kien l-istess atteggjament meta ttiehed l-Ghassa. Jixhed li l-imputat kellu riha ta' nbid fuqu.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 1464 Michael Portelli** (*a fol.* 58 *et seq.*) rigward l-istqarrija (Dok. "FT 3" – *a fol 27*) rilaxxata mill-imputat.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kien prezenti meta kienet qed tittiehed l-istqarrija tal-imputat. Jghid li l-atteggjament tal-imputat kien wiehed arroganti u ma ried iwiegeb xejn. Jghid li l-imputat deher li kien konfuz.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, xehed **Joseph Mary Fsadni** (*a fol.* 67 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tat-12 ta' Jannar telghu Ghawdex fuq xoghol xi ufficjali tal-Ambaxxata Amerikana. Jghid li pparkjaw il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CDB, numri mhux cert minnhom, hareg jaghmel zewg passi u ra *pick-up truck* abjad gej fid-direzzjoni opposta, innutah li ma kienx qed isuq normali, kien qed isallab minn naha ghall-ohra tat-triq u li f'hin minnhom laqat il-vettura taghhom, saq ghan-naha l-ohra tat-triq, kien se jolqot vettura ohra u rega' ghamel *swerve*. Jghid li dan il-*pick up* laqat ukoll vettura ohra, *Toyota Starlet*, li kienet ipparkjata fuq l-istess naha tat-triq, qasam it-triq u baqa' tiela' fuq bankina, imbaghad saq ghal go triq laterali. Ma jiftakarx in-numru ta' registrazzjoni tal-*pick-up*.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, xehdet ukoll **Corinne Portelli** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn qalet li kienu pparkjati, ghadda *pick-up* abjad, laqathom fil-mera u ghamilhom xi hsarat, u baqa' sejjer. Tghid li dan il-*pick-up* laqat vettura ohra, qasam it-triq u mess il-hajt.

Corinne Portelli regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' April 2012 (*a fol.* 87 *et seq.*) fejn qalet li l-vettura li semmiet fis-seduta ta' qabel kienet dik bin-numru ta' registrazzjoni CBD 639. Ezebiet dsatax-il ritratt li gew immarkati bhala Dok. "CP 1" sa "CP 10" (*a fol.* 91 *et seq.*). Tghid li hija ma tafx min kien qed isuq il-vettura pero rnexxielha tiehu n-numru taghha. Ipprezentat ukoll stima tal-

hsarat, liema stima giet immarkata bhala Dok. "CP 11" (*a fol.* 101). Tghid li l-hsara tammonta ghal Euro 1069.15.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Fr. Giuseppe Borg** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn qal li kellu l-vettura *Toyota Starlet* bin-numru ta' registrazzjoni GAU 256 ipparkjata u wara li qaddes quddiesa, sab il-vettura b'xi hsarat fuqha. Ezebixxa erba' ritratti li gew immarkati bhala Dok. "GB 1" sa "GB 4" (*a fol.* 76) Jghid li d-daqqiet li jidhru fir-ritratti ma kienux hemm qabel dahal iqaddes. Ezebixxa stima tal-hsarat li giet immarkata bhala Dok. "GB 5" (*a fol.* 77).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Massimo Grima** (rapprezentant Transport Malta – *a fol.* 78 *et seq.*) fejn qal li filwaqt li vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAU 256 hija registrata fuq Joseph Borg (I.D. Nru. 28633(G)), vettura bin-numru ta' registrazzjoni CDB 563 hija registrata fuq l-Ambaxxata Amerikana, u vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBD 639 hija registrata fuq Anthony Camilleri (I.D. Nru. 56460(G)). Jghid li fit-12 ta' Jannar 2012 Anthony Camilleri kellu licenzja tas-sewqan. Ezebixxa erba' dokumenti in sostenn ta' dak li xehed, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "MG 1" sa "MG 4" (*a fol.* 80 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, xehdet **Dr. Marlene Attard** (*a fol.* 111 *et seq.*) rigward certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "FT 1" (*a fol.* 25). Ikkonfermat il-kontenut tieghu u qalet li kienet l-isptar, gie mehud l-imputat bil-manetti, li beda jinsulenta, jghajjat u tghid ukoll li kien aggressiv. Tixhed li l-imputat beda jirrifjuta li jigi ezaminat. Tispjega li l-imputat ma tahiex permess tmied idejha fuqu. Tghid li l-imputat irrifjuta li jittiehidlu *x-ray*.

In kontro-ezami tghid li l-gerha li kellu l-imputat fuq wiccu kienet wahda superficjali. Tghid li tista' tghid li l-gerha ma saritx ma' xi haga *smooth* ghax ma kienitx tigi dik l-*abrasion*. Tixhed li lilha l-imputat ma qalilhiex li l-manetti bdew iweggugh pero tghid li beda jinsulentaha.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012, xehdet **Dr. Suzanne Vella** (*a fol.* 123 *et seq.*) in rapprezentanta tal-iSptar Generali ta' Ghawdex fejn ezebiet kopja tal-file mediku tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. "SV 1" (*a fol.* 125 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012, xehdet ukoll **Rose Xuereb** (*a fol.* 381 *et seq.*) fejn qalet li hija tigi oht l-imputat li dakinhar tal-akkadut mar id-dar taghha, cempillu l-*mobile*, tah lilha biex tirrispondi, rrisponditu u kien is-Surgent li staqsieha fejn kienu u wara xi hin marru l-Pulizija d-dar ghal huha. Tghid li huha gie mbuttat mal-art. Mistoqsija x'kienet il-kundizzjoni tal-imputat meta mar ghandha tghid li hija ma haditx pjacir bih ghax kien diehel u hiereg mill-isptar peress li ma kienx f'sahhtu. Tghid li lilha kellimha sew. Mistoqsija tiddeskrivi l-mod li tkellmu bih il-Pulizija, tghid li skond hi kienu naqra aggressivi. Tahseb li l-imputat beda jirrezisti lill-Pulizija milli jimmanettjawh. Tghid li ma ratx lill-imputat imiss lill-Pulizija. Mistoqsija tghid jekk dak iz-zmien huha kienx qed jiehu xi medicina, twiegeb fl-affermattiv.

In kontro-ezami tghid li ma tafx x'kien qed jigri meta marret iccempel lil huha l-iehor ghax bdiet diehla u hierga mid-dar. Tahseb li huha kien qed jagixxi b'mod normali. Tghid li ma ratx lil huha jaghti bis-sieq lill-Pulizija. Tikkonferma li

dakinhar filghaxija l-iSpettur kien staqsieha x'gara u hi qaltlu li ma kien gara xejn.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2013, xehed **Dr. Martin Cutajar** (*a fol.* 393 *et seq.*) fejn qal li l-imputat ilu pazjent tieghu mis-sena 1998. Jghid li l-imputat ibaghti minn ansjeta' qawwija li tirrikjedi certu medicina. Mistoqsi jghid jekk l-imputat ghandux xi patologija partikolari, wiegeb fl-affermattiv u jghid li fis-sena 2001 gie *diagnosed* b'*organic brain syndrome*. Jghid li l-imputat gie li pprezenta ruhu bi *blackouts* kemm qabel, kif ukoll fil-perjodu ta' Jannar 2012 u anke wara. Jghid li f'Jannar 2012 l-imputat kien qed jiehu, fost l-ohrajn, il-kalmanti.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2013, xehed ukoll il-**Psikjatra Dr. John Borg** (*a fol.* 396 *et seq.*) fejn qal li ilu ghaxar snin jaf lill-imputat professjonalment. Jghid li skond in-noti tal-isptar kien hemm diversi drabi fejn l-imputat ma kienx imur ghall-appuntamenti pero jghid li rah fit-13 ta' April 2012. Mistoqsi kif jiddeskrivi l-kundizzjoni tal-imputat, jghid li din bazikament tirrigwarda l-alkohol. Jghid li jista' jaghti l-kaz li fl-imputat hemm xi element ta' dipressjoni pero bazikament hemm l-alkohol involut. Jispjega li skond in-nota tat-2 ta' Marzu 2011 l-imputat kien qed jiehu *Tryptizol*, li huwa *anti-depressant* peress li kien hemm element ta' dipressjoni. Jixhed li hafna drabi dan jinghata meta jkun hemm l-alkoholizmu. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi *black outs da parte* tal-imputat, ighid li minn notamenti tieghu u dawk ta' psikjatri ohra, m'hemm l-ebda accenn ghal *blackouts*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet relatati mas-sewqan tieghu dakinhar tat-12 ta' Jannar 2012 u kif ukoll b'imputazzjonijiet ohra relatati mal-allegat atteggjament tieghu mal-Ufficjali tal-Pulizija li marru ghalih wara l-incident.

**L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni –**

**(Artikoli 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):**

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale*

*del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka

jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet

addebitati fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta b'mod car is-segwenti:

- wara li kien sar rapport li kien hemm incident stradali u l-vettura baqghet sejra u PS 676 Edelon Spiteri ghamel kuntatt mal-imputat, l-imputat qal lis-Surgent biex jekk iridu setghu jmorru ghalih huma. Anke fuq it-telefon, l-imputat beda jinsulenta u joffendi lil PS 676 Edelon Spiteri;

- l-imputat kompla jargumenta hekk kif ra lil PS 342 Johan Said;

- l-imputat ghalaq il-bieba tal-vettura fuq id PS 715 Lucian Gatt;

- l-imputat irrezista lill-Pulizija, beda jidghi u beda jiccalingja lill-Pulizija ghall-glied;

- l-imputat, li kien aggressiv, irrezista l-arrest u kienet din ir-raguni ghala kellha tintuza forza li giet deskritta bhala "minima" da parti tal-Pulizija u dana sabiex il-Pulizija setghu jarrestaw lill-imputat;

- l-imputat kellu jitnizzel mal-art biex ma joffriex aktar rezistenza;

- id-demm li kellu fuqu l-imputat jidher li gara wara li l-imputat beda jissara biex jinhall mill-manetti;

- l-imputat beda jghid lil Pulizija li kien ser iqattagghom;

- meta l-imputat gie mehud l-isptar, apparti li beda jinsulentaha lil Dr. Marlene Attard li rrifjuta li tezminah, l-imputat qam biex jaghti daqqa ta' ras lil PC 138 li skapulah;

- Rose Xuereb, oht l-imputat, tiddeskrivi l-mod li tkellmu bih il-Pulizija bhala wiehed aggressiv pero tikkonferma li l-imputat beda jirrezisti li jigi mmanettjat mill-Pulizija;

- wiehed jista' jara l-atteggjament tal-imputat meta kienet qed tittiehidlu l-istqarrija (Dok. "FT 3" – *a fol.* 27 *et seq*.). Din l-istqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat kkonsulta mal-konsulent legali tieghu. L-imputat ma kkoopera xejn mal-Pulizija u pratikament ma wegibx ghad-domandi kollha li sarulu. Anqas ma wiegeb meta allega li l-Pulizija sawtuh. Mistoqsi ghala ma riedx wiegeb, jghid li ma riedx!

Illi, minn ezami akkurat ta' dak li nghad fir-rigward ta' x'inhuma l-elementi li jsawru r-reati taht Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 u mehud in konsiderazzjoni dak li gie mismugh tul is-smiegh tal-provi f'din il-kawza u dak li gie kkunsidrat hawn fuq, il-Qorti ma ghandu jibqalghha l-ebda dubju li d-depozizzjonijiet tal-Ufficjal tal-Pulizija ghandhom jitwemmnu. Fl-istess mod, il-Qorti ma jibqalghha l-ebda dubju li l-elementi li jsawru z-zewg reati msemmija gew sodisfacentement pruvati. B'hekk ser tinstab htija fl-imputat ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi John Mary Fsadni u Corinne Portelli spjegaw il-mod li kienet qed tinstaq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBD 639 (li ssejjah lill-imputat) li spiccat baqghet diehla fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CDB 563 li tappartjeni lill-Ambaxxata Amerikana u kif ukoll fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAU 256 li tappartjeni lil Fr. Giuseppe Borg. Kienet ix-xhud Corinne Portelli li rnexxielha tiehu n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura CBD 639. Mill-atti processwali

jirrizultaw is-segwenti: (a) stima mmarkata Dok. "GB 5" (*a fol.* 77), u (b) stima mmarkata bhala Dok. "CP 11" (*a fol.* 101 *et seq.*). M'hemmx dubju ghalhekk li anke t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li fis-seduta tat-30 ta' April 2013, id-difiza pprezentat numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 401 *et seq.*). Ma jirrizulta li kien hemm l-ebda rinunzja ghall-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat da parte tal-Ambaxxata Amerikana u da parte ta' Fr. Giuseppe Borg u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet imsemmija, kif tghid id-difiza fin-nota taghha (*a fol.* 430).

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:
>
> Sewqan traskurat (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma

jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *'degree'* (App. Krim. **Pul. vs Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. **Pul. vs Hardingham**,

19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' *'recklessness'* (App. Krim. **Pul. vs Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). *'Recklessness'* giet definita bhala *'wilfully shutting one's eye'* (App. Krim. **Pul. vs Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs Antonio Spiteri** [Vol. XLIV iv. 892])".

Illi kienu zewg xhieda biss, cioé Joseph Mary Fsadni u Corinne Portelli, li raw il-mod li kien qed isuq bih l-imputat il-vettura tieghu li baqghet diehla f'zewg vetturi pparkjati! Da parte tieghu, Fr. Giuseppe Borg ma rax l-incident isehh ghax fil-hin tal-incident kien qed iqaddes. Jirrizulta li l-*pick-up* tal-imputat beda jsallab minn naha ghall-ohra tat-triq u li f'hin minnhom laqat il-vettura tal-Ambaxxata Amerikana, saq ghan-naha l-ohra tat-triq, laqghat ukoll vettura ohra li kienet fuq l-istess naha tat-triq, qasam it-triq u baqa' tiela' fuq il-bankina. Tenut kont ta' dan u b'applikazzjoni ta' l-insenjament prodott fil-paragrafu qabel dan, jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputat kien qed isuq b'nuqqas ta' kont, bi traskurgani u b'mod perikoluz u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Is-Sitt (6), id-Disa' (9) u l-Ghaxar (10) Imputazzjoni –</u>**

Illi din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-nota ta' rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala

Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Dan l-insenjament ghandu japplika fir-rigward tas-sitt (6), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjoni *stante* li ma gewx indikati l-artikoli jew regolament tal-ligi minn liema jemergu u ghaldaqstant il-Qorti ser tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

**<u>Is-Seba' (7) u t-Tmien (8) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Artikoli 15B(1) u 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**

Illi PS 676 Edelon Spiteri jispjega li l-atteggjament tal-imputat meta gie mitkellem fuq it-telefon, kien l-istess atteggjament meta ttiehed l-Ghassa. L-istess PS 676 jghid li l-imputat kellu riha ta' nbid fuqu. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Keith Aquilina** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru 2009, fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Ir-"*reading*" tar-"*road side test*" wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija dwar ir-raba' akkuza, w dan l-ahhar din il-Qorti kellha okkazzjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Jan Spiteri** deciza fit-22 t'Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizjoni ghal min m'huwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma

> jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero' dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni w sakemm il-Ligi tibqa' kif inhi, din il-Qorti thoss illi ghandha jsegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti in materia".

Illi, fis-sentenza moghtija fil-15 ta' Settembru 2000, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Jekk persuna tirrifjuta u sia jekk persuna tonqos milli taghti kampjun kif mahsub taht l-Artikolu 15E, tikkometti reat. Ghal tali rifjut jew nuqqas, il-ligi tipprovdi <u>difiza wahda</u>: Izda tkun difiza ghal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas taghha li taghti kampjun kien minhabba l-inkapacita' fizika jew mentali li taghtih jew ghaliex l-ghoti tieghu kien jaghti lok ghal riskju sostanzjali ghal sahhitha [...] Meta l-ligi titkellem dwar 'inkapacita' fizika jew mentali' qed tirreferi ghal inkapacita' li trid tezisti indipendenement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun".

Illi l-Qorti tinnota li gie deciz li l-imputat kellu jsirlu l-*breathalyser test* wara li gie nnotat li l-imputat setgha kien fi stat ta' sakra. Il-Qorti tinnota li l-Ufficjal Prosekutur spjega li l-imputat irrifjuta li jaghmel il-*breathalyser test* u dan minkejja li gie nfurmat bil-konsegwenzi f'kaz li jirrifjuta. Fuq l-istess linji xehed PS 676 Edelon Spiteri. Gie ezebiet dokument mmarkat bhala Dok. "FT 2" (*a fol.* 26) in sostenn ta' dan. Wara li l-Qorti qieset dan kollu u wara li rat dak li qieghed jigi akkuzat bih taht

is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni, hija tal-fehma li filwaqt li s-seba' (7) imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata, mhux l-istess jista' jinghad ghat-tmien (8) imputazzjoni, li jirrizulta li giet pruvata.

**<u>Il-Hdax (11) u t-Tnax (12) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Artikoli 338(bb), 338(dd) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni enumerata bin-numru hdax (11), il-Qorti tinnota li mid-depozizzjonijiet moghtija mid-diversi Ufficjali tal-Pulizija din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni l-ohra, cioé dik li tirrigwarda ksur tal-bon ordni u tal-kwiet pubbliku, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan gie pruvat u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha wkoll.

Dawn iz-zewg imputazzjonijiet ser jitqiesu assorbiti fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) imputazzjoni *ai fini* tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), it-tmien (8), il-hdax (11) u t-tnax (12).

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: (a) il-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 7 *et seq.*) tal-imputat (li minkejja li mhijiex wahda nadifa ma jistghax jinghad li hija wada refrattarja, (b) il-file mediku (Dok. "SV 1" – *a fol.* 125 *et seq.*) tieghu, (c) dak li xehed Dr. Martin Cutajar (*a fol.* 393 *et seq.*) fejn qal, fost l-ohrajn, li l-imputat ibghati minn ansjeta' qawwija li tirrikjedi certu medicina, (d) dak li xehed il-Psikjatra Dr. John Borg (*a fol.* 396 *et seq.*) fejn iddeskriva l-kundizzjoni tal-imputat bhala wahda li tirrigwarda l-alkohol, u (e) il-fatt li piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat ma tkunx wahda idonea. Il-Qorti hija tal-fehma li l-aktar piena idonea fic-cirkostanzi hija dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

- tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjoni,

- tillibera, fuq nuqqas ta' provi, lill-imputat mis-seba' (7) imputazzjoni,

  u

- wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-18 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 117) b'mod partikolari Artikoli 17(h), 95, 96(a), 328, 338(bb), 338(dd) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll Artikoli

15(1)(a) u 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Anthony Camilleri hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tat-tmien (8), tal-hdax (11) u tat-tnax (12) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' disa' (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' disa' xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' PS 715 Lucian Gatt, PS 342 Johan Said u PC 138 Joseph Portelli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------